# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMĦALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 27 ta' April 2016**

**App. Nru. 239 / 2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Zammit**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alexander Zammit talli f'Novembru 2009 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, fl-eżercizzju tad-dmirijiet tiegħu, għamel falsifikazzjoni, b'firem foloz, jew b'tibdil fl-atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa ffurmati jew magħluqa;

(2) fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

(3) fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta, jew għamel użu minn dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

(4) fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Alexander Zammit għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 179, 184, 185(1), 186 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Alexander Zammit ħati u kkundannatu sena priġunerija sospiża għal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat l-interdizzjoni ġenerali perpetwa tiegħu ai termini ta' l-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Alexander Zammit ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tannulla u tikkanċella s-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel aggravju u tiddikjara l-istess sentenza nulla u tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti jew, alternattivament, tilqa' l-appell u tħassar, tannulla u tikkanċella s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji l-ohrajn u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni illi s-sentenza appellata hija nulla peress illi l-Ewwel Qorti naqset milli tindika dwar liema fatti kienet qed issibu ħati, u dan peress illi r-raba' imputazzjoni hi imputazzjoni alternattiva u skond il-ġurispudenza tagħna, fejn hemm akkużi alternattivi, jekk il-Qorti tiddikjara lill-imputat ħati mingħajr ma tgħid ta' liema miż-żewġ imputazzjonijiet hu ħati, jiġi li ma tkunx qalet ta' x'hiex sabitu ħati.

**6.** L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

**7.** Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet li l-appellant kellu jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 179 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (l-ewwel imputazzjoni). Imbagħad kompliet hekk: "Kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra, għalkemm ukoll jirriżultaw, l-azzjoni tal-imputat kienet waħda, u għaldaqstant għandu jkun hemm assorbiment tal-piena għal dawn l-imputazzjonijiet f'dik mogħtija għall-ewwel imputazzjoni." Jiġifieri meta fl-aħħar iddikjarat lill-appellant (allura imputat) ħati, dan kienet qed tagħmlu fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet <u>kollha</u> dedotti kontra tiegħu. Tant hu hekk illi fis-sentenza ġew iċċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati kollha addebitati lill-appellant. Ġaladarba m'hemm x dubju dwar liema fatti l-appellant instab ħati, il-formaliżmu m'hemmx postu u għalhekk jekk setax l-appellant jinstab ħati wkoll tar-raba' imputazzjoni hi kwistjoni li trid tiġi determinata wara eżami tal-provi meta din il-Qorti tkun qed tikkunsidra l-appell fil-mertu. Kwindi l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**8.** Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx distinzjoni bejn ir-reati attribwiti lilu li jikkontemplaw il-falz ideoloġiku u dawk li jikkontemplaw il-falz materjali. Jgħid illi huwa ġie mixli li għamel falsifikazzjoni billi żied informazzjoni u għamel firem foloz fuq il-lista ta' ħwienet li huwa kellu jispezzjona bħala wieħed mid-dmirijiet fl-impjieg tiegħu. Għalhekk, skond l-appellant, ma setax jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet mibnija fuq l-artikoli 184 u 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**9.** Issa, kif intqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** fis-17 ta' Ottubru 1997:

**"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin *'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'*. Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. *op, cit.*, p.**

**594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanejament il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, ecc."**

**10.** Issa, ġie allegat li fuq l-inkartament Dok. IC4 kien hemm xi firem li ma kinux tas-sidien jew ta' min kien jiġġestixxi l-ħwienet, li xi ħwienet fil-fatt kienu magħluqin u li wħud mill-firem kienu jirreferu għal ismijiet jew numri ta' karta ta' identita` ineżistenti. Mela d-dokumenti in kwistjoni kienu dokumenti ġenwini iżda kienu allegatament jikkontjenu dikjarazzjonijiet inveritjeri. Jiġifieri hawn si tratta ta' falz ideoloġiku. Konsegwentement la huwa applikabbli l-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, **Il-Pulizija v. Raphael Axiaq**, 30 ta' Diċembru 2009) u lanqas l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, **Il-Pulizija v. Paul Galea**, 17 ta' Ottubru 1997). Mela l-appellant ma setax jinstab ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u konsegwentement it-tieni aggravju tiegħu qiegħed jiġi milqugħ.

**11.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra <u>t-tielet aggravju</u>. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant isostni illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament erroneju tal-fatti. Jgħid illi dik il-Qorti sabet il-ħtija fl-appellant a bażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet ewlenin: (i) il-konsiderazzjoni illi kien l-appellant biss dak li seta' għamel il-falsifikazzjoni mertu ta' dan il-proċediment; u (ii) il-konsiderazzjoni li ħadd aktar ma kellu interess jagħmel tali falsifikazzjoni. Skond l-appellant, dawn il-konsiderazzjonijiet ġew konvertiti mill-Ewwel Qorti fi presunzjonijiet ta' fatt. Jgħid illi l-motiv attribwit lilu mill-Ewwel Qorti li b'hekk l-appellant kien jiggwadanja aktar ħin liberu, hija konsiderazzjoni għal kollox gratuwita u infondata u kontradetta mill-provi. Isostni illi tali konsiderazzjoni ma tistax tiġi rikonċiljata mal-fatt illi ġie ppruvat li l-appellant kien jagħmel xogħlu anke fir-rigward ta' ħwienet li ma kinux fuq il-lista mogħtija lilu. "Dan", jgħid l-appellant, "mhuwiex l-aġir ta' persuna illi trid tiskarta x-xogħol, u jmur għal kollox kontra kull prinċipju ta' loġika li persuna li tiskarta x-xogħol li mhux suppost għamel, tmur lil hinn minn dak li suppost tagħmel billi twettaq xogħol mhux inkluż ma' dak li għandha." L-appellant jirreferi għall-fatt illi l-Ewwel Qorti qieset li ma setax ikun li persuna oħra li kellha l-listi f'idejha għamlet il-falsifikazzjoni in kwistjoni peress li ma setgħetx tidentifika motiv sabiex tali terz jagħmel din il-falsifikazzjoni. Jargumenta, pero`, illi l-motiv attribwit lilu kien fuq assunzjonijiet gratuwiti, u daqstant ieħor għandu jirriżulta illi huwa possibbli li tali terz seta' kellu xi motiv personali biex jitfa' ħtija fuq l-appellant. "Dan kollu huwa possibbli,

u saħansitra anke aktar probabbli mill-motiv addebitat lill-esponent", itenni l-appellant.

**12.** Jingħad l-ewwelnett illi l-possibbli ma jikkostitwixxix prova la fir-rigward tal-grad li jrid jilħaq l-imputat u wisq anqas fir-rigward tal-grad li jrid jilħaq il-prosekutur. Issa, fil-każ in eżami l-appellant kien impjegat mad-Dipartiment tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni bħala *marketing surveillance officer* fuq bażi *part-time* u d-dmirijiet tiegħu kienu jikkonsistu filli jdur il-ħwienet li jiġu ndikati lilu fuq lista mogħtija lilu mid-Dipartiment, sabiex jivverifika jekk il-prezzijiet tal-prodotti għall-bejgħ kinux qed jiġu ndikati f'dawk il-ħwienet kif trid il-liġi. Dawn il-listi l-appellant kien jeħodhom id-Dipartiment sabiex jittieħdu fotokopji tagħhom filwaqt illi hu jżomm l-oriġinal sakemm ikun żar il-ħwienet kollha. Fuq dawn il-listi kien mistenni li tiffirma l-persuna preżenti fil-ħanut spezzjonat u kellu jitniżżel l-isem sħiħ u n-numru tal-karta ta' l-identita` ta' tali persuna. Irriżulta li fuq il-listi ta' l-appellant kien hemm xi diskrepanzi, viz. firem li ma kinux tas-sidien, li xi ħwienet jidher li kienu magħluqin u li wħud mill-firem kienu jirreferu għal ismijiet fejn in-numru tal-karta ta' l-identita` ma kienx jaqbel ma' l-isem.

**13.** L-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, huwa minnu li dawn id-diskrepanzi jidhru fuq ir-reġistru in kwistjoni. Dwar dan ma hemm l-ebda dubju. Ġew indikati l-partijiet fejn dawn id-diskrepanzi ġew identifikati fid-diversi formoli fir-reġistru msemmi. Mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, irriżulta li kien hemm 22 hanut li kellhom id-dettalji ħżiena, żewġ ħwienet li kienu għalqu, sitt ħwienet li ma jeżistux, u tlitt ħwienet oħra fejn l-ID tal-persuna jew ma tniżżilx jew ma kienx jintgħaraf. Ghalhekk, il-Qorti trid tara issa kienx l-imputat li għamel dawk l-entrati fir-reġistru in kwistjoni, u possibilment x'seta wasslu biex għamel hekk.
>
> "Fil-fehma tal-Qorti, kien l-imputat biss li seta' għamel dawk l-entrati fir-reġistru mingħajr ma qagħad imur fil-ħwienet indikati. Huwa minnu li dan l-istess reġistru, hekk kif l-imputat ikun lesta minnu u ġabar informazzjoni fuqu, kien jingħata lil uffiċjali oħra fid-dipartiment sabiex dik l-istess informazzjoni tinġabar u tiġi pproċessata u eżaminata, u għalhekk id-difiża argumentat li dawn il-formoli setgħu ġew mibdula minn terzi. Dawn l-uffiċjali, iżda, żgur li ma kellhom ebda interess li jdaħħlu informazzjoni ineżistenti fuq l-istess formoli. Ma jagħmel ebda sens li persuna li qed tittrasferixxi informazzjoni miktuba bl-idejn ghal fuq "computer data" iżżid ix-xogħol ta' "data inputting" għal xejn b'xejn. Inoltre, huwa evidenti ferm ukoll li dawn l-entrati ħżiena huma xi ftit jew wisq ilkoll miġbura flimkien f'dan ir-reġistru, esebit fl-atti a fol. 26 *et seq.* tal-proċess u mmarkat bħala Dok IC 4. Mill-banda l-oħra, u għalkemm ma rriżultatx mill-provi, l-uniku gwadann li seta' kellu l-imputat kien li jimla l-informazzjoni biex jiġġustifika li jkun għamel ċertu ammont ta'

ħin idur il-ħwienet, meta jkun jista' minn flok jagħmel affarijiet oħra personali tiegħu fil-ħin tax-xogħol.

"L-imputat kien jitħallas salarju fiss mid-dipartiment, jagħmel kemm jagħmel inspezzjonijiet fi ħwienet differenti f'ġurnata, u għalhekk dan il-qligħ pekunjarju huwa kompletament eskluż mill-motivazzjoni li seta' kellu. Il-Qorti tara li l-uniku vantaġġ li seta' kellu hu li jkollu aktar ħin 'liberu' minn flok joqgħod idur il-ħwienet. Huwa ħafna aktar faċli tniżżel ftit ismijiet ta' ħwienet u ma tmurx tagħmel spezzjoni fihom, u tiggwadanja l-ħin. Di fatti, l-imputat in difesa ma seta' jagħti ebda spjegazzjoni kif dik l-informazzjoni ġiet fuq il-formoli li mela hu stess. L-anqas ma ta xi spjegazzjoni oħra fl-istqarrija tiegħu, ukoll esebita a fol. 20 tal-proċess u mmarkata bħala Dok IC 2."

**14.** Issa, kif kostantement ritenut, huwa prinċipju ormaj stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

**15.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba. B'referenza għall-inkartament li l-appellant kien jieħu ħsieb li jimtela dwar ħwienet fil-lokalita` tal-Mosta, l-appellant jgħid illi l-kitba hija kważi kollha tiegħu ħlief fejn jidher li hemm firem. Fost il-kitbiet ta' l-appellant hemm ħwienet illi ma kinux jidhru fil-lista li ngħatalu mid-Dipartiment iżda meta ltaqa' magħhom huwa ħa d-dettalji sabiex dawn ikunu jistgħu jiddaħħlu fis-sistema. Loġikament, kif isostni l-appellant, dan "mhuwiex l-aġir ta' persuna illi trid tiskarta x-xogħol". Loġikament ukoll, ġaladarba fl-inkartament tiegħu l-appellant kien qiegħed jindika dawk il-ħwienet li kienu magħluqin jew li ma setax isib, kellu jagħmel dan għall-ħwienet <u>kollha</u> li kienu magħluqin. Loġikament ukoll, ġaladarba l-appellant kien jitħallas rata fissa, ma kien hemm l-ebda motiv pekunjarju li kellu jġiegħlu jagħmel xi falsifikazzjoni fl-imsemmi inkartament.

**16.** L-appellant jgħid illi l-imsemmi inkartament kien ikun f'idejh il-ġimgħa kollha ħlief meta nhar ta' Tnejn kien imur l-uffiċċju biex isiru fotokopji tal-paġni li jkun sar xogħol fuqhom u allura għal dak il-ftit tal-ħin kienu jkunu f'idejn min ikun qiegħed jagħmel il-fotokopji. Iżda x'jirriżulta dwar l-firem u d-dikjarazzjonijiet kontenuti fid-dokumenti in kwistjoni (Dok. IC4)?

**17.** Waqt is-smiegħ tal-provi, numru ta' xhieda stqarrew illi l-appellant ma kienx mar fil-ħanut tagħhom u li l-firem li kienu jidhru fir-rigward il-ħwienet tagħhom

ma kinux tagħhom. L-appellant jikkonferma li ma kienx daħal f'dawn il-ħwienet. Jgħid illi f'dawn il-każijiet biss hemm firem mingħajr dettalji tal-firmatarju. Din il-Qorti eżaminat l-inkartament in kwistjoni u jirriżulta illi fil-fatt hemm numru ieħor ta' ħwienet fejn hemm firma biss u mhux unikament fir-rigward tal-ħwienet ta' dawk il-persuni li xehdu quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant xehed illi hu ma ffirma għal ħadd għax "ma kelli l-ebda interess niffirma għal ħadd jiġifieri x-xogħol indaħħlu u ma ndaħħlux, kaxxa vojta u kaxxa mimlija għalija ma tagħmilx differenza jekk hu magħluq m'għandix għalfejn niffirma għalih jien jekk hu magħluq magħluq hux." Ċaħad li għamel il-firem hu u qal li ma setax jifhem għalfejn saru u minn min saru.

**18.** Issa, minn l-eżami ta' l-inkartament din il-Qorti nnotat is-segwenti:

- dwar il-ħanut In Season  (a fol. 31) Joseph Muscat jikkonferma li mhijiex il-firma tiegħu.

- dwar il-ħanut Cathedral Optical (a fol 31) Doris Busuttil tikkonferma li mhijiex il-firma tagħha.

- dwar il-ħanut St Mary Store (a fol. 32) Carmel Busuttil jikkonferma li mhijiex il-firma tiegħu.

Il-firma fir-rigward ta' dawn it-tliet ħwienet tidher li hija identika. Apparti hekk din il-Qorti nnutat illi l-istess firma tidher ukoll fir-rigward tal-ħanut Candy Corner – ara fol. 30

- dwar il-ħanut Zamco (a fol. 39) Daniela Bezzina tikkonferma li mhijiex il-firma tagħha. Firma simili tidher fir-rigward tal-ħanut Genesis Stationery (a fol. 35), il-ħanut Home Decor (a fol. 36), u fir-rigward tal-ħanut Country Fresh (a fol. 44)

- din il-Qorti nnutat ukoll illi fir-rigward il-ħanut Blue Store a fol. 43 il-firma hija simili għal dik fir-rigward tal-ħanut Cesandra a fol. 42 u l-ħanut Bargain Shop a fol. 44. Skond ir-riċerka li għamlet il-Pulizija, tgħid li l-ħanut Blue Store kien magħluq u l-persuna ndikata bħala li kienet tiġġestixxi l-ħanut ma teżistix.

**19.** Kwantu għall-firem, din il-Qorti pparagunat il-firem li huma l-istess, u cioe` tal-In Season,  Cathedral Optical, St Mary Store, u Candy Corner, li jidhru l-istess; taz-Zamco, Genesis Stationery, Home Decor u Country Fresh li jidhru l-istess; u ta' Cesandra, Bargain Shop u Blue Store li jidhru l-istess. M'hemmx dubju li t-tliet xorta ta' firem saru f'kull każ mill-istess id. Pero` m'għandhom x'jaqsmu xejn

mal-firma ta' l-appellant li tidher fl-istqarrijiet tiegħu u lanqas mal-kalligrafija tiegħu fuq id-Dok. IC4. Din il-Qorti hi għalhekk tal-fehma, wara li eżaminat il-firma ta' l-appellant u l-kalligrafija tiegħu, li ma tistax tikkonkludi li saru mill-appellant. Iżżid tgħid inoltre li lanqas ma huwa verosimili illi persuna li għandha f'idejha inkartament bħal dak in kwistjoni fejn huwa mistenni li l-firem jkunu kollha differenti (sakemm m'hemmx aktar minn ħanut wieħed ġestit mill-istess bniedem) tiffalsifika sensiela ta' firem li huma identiċi. Kieku l-appellant ried jiffalsifika firem, kien joqgħod attent li jiffalsifika firem li huma kollha differenti.

**20.** Issa, il-Pulizija għamlu riċerka li skond hi rriżultalha xi ħwienet li ma kinux jeżistu, ismijiet ta' ġesturi ta' ħwienet b'numru tal-karta ta' identita` ta' persuni oħra jew ismijiet ta' persuni u karta ta' identita` li ma jeżistix. Qed issir referenza hawn għad-dokument IC3 a fol 23 sa 25 li thejja minn P.C. 1438 Emanuel Zerafa. Fuq dan id-dokument hemm indikati l-ismijiet ta' nies ma' min tkellmu l-Pulizija. Dawn ma ġewx prodotti bħala xhieda u għalhekk l-informazzjoni li setgħu taw lill-Pulizija tikkostitwixxi *hearsay*. Fejn hemm indikat li l-ħanut ma jeżistix, evidentement dan jikkontrasta ma' l-informazzjoni f'idejn id-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni. Difatti huwa ħanut wieħed biss mil-lista li l-imsemmi Diviżjoni rrefera lill-Pulizija li ġie ndikat bħala "closed for good", il-Blue Store. Din il-Qorti tosserva illi dwar il-ħwienet in kwistjoni ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar meta għalqu. Dwar in-numri tal-karta ta' identita` l-ispjegazzjoni li ta l-appellant kienet li hu jniżżel in-numru li jagħtuh. Fil-fatt, din il-Qorti tosserva illi ċertu ammont ta' *human error* huwa aċċettabbli. Dwar il-maġġor parti tal-ħwienet, ma tressaq ħadd mill-prosekuzzjoni biex jixhed dwar jekk il-persuni ndikati fl-inkartament ta' l-appellant, nonostante d-differenzi bejn in-numru tal-karta ta' l-identita` u l-isem, kinux verament avviċinati mill-appellant għal spezzjoni fil-ħwienet rispettivi. L-uniċi persuni li ġew prodotti biex jixhdu kienu fir-rigward tal-ħwienet Zamco, In Season, St Mary Store u Cathedral Optical li sempliċement ikkonfermaw li l-firem ma kinux tagħhom u li l-appellant ma kienx mar il-ħanut tagħhom.

**21.** In kwantu jirrigwarda d-dikjarazzjoni jekk il-ħwienet kinux konformi jew mhux konformi, din il-Qorti nnutat xi diskrepanzi żgħar fil-mod kif inkiteb is-sinjal *"very good"* u hemm ukoll xi diskrepanzi fil-kalligrafija li biha nkitbu d-dati tal-ispezzjonijiet. Jiġifieri fid-Dok. IC4 jidher li hemm kalligrafija ta' persuni oħra apparti ta' l-appellant. Ta' min ma ġiex stabbilit. Imbagħad, peress illi għadda perijodu twil sakemm l-appellant lesta x-xogħol li kien inkarigat biex iwettaq fil-Mosta, stante li kien ingħata żoni oħra biex ilesti qabel, din il-Qorti ma tistax teskludi li l-appellant anke seta' b'diżattenzjoni u mhux b'*dolo*, niżżel xi informazzjoni mhux għal kollox preċiża.

**22.** Meqjus kollox, għalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li r-reati l-oħra dedotti kontra l-appellant ma ġewx pruvati mingħajr dubju raġjonevoli.

**23.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.